MALTA

ATT Nru. VIII ta' l-1991

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap. 123.

ACT No. VIII of 1991

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Income Tax Act, Cap. 123.

Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

15 ta' Marzu, 1991

ATT Nru. VIII ta' l-1991

ATT li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1991 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap.123.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jibdew iseħħu kif ġej:

(a) id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jibdew iseħħu mal-pubblikazzjoni ta' dan l-Att fil-Gazzetta; u

(b) id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 2 u 3 għandhom jibdew iseħħu mal-pubblikazzjoni ta' dan l-Att fil-Gazzetta, dwar is-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar, 1992 u dwar is-snin ta' stima ta' wara.

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

2. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (n) tiegħu minflok il-kliem "l-Att:" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att;"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (n) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu (o) ġdid li ġej:

"(o) l-*income* ta' għaqda koperativa.".

Żieda ta' artikolu 31B ġdid ma' l-Att prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 31A ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu 31B ġdid li ġej:

"Iktar *rebate*.

31B. Fil-każ ta' individwu ordinarjament residenti u domiċiljat f'Malta, it-taxxa intaxxata għal kull sena ta' stima fuq l-*income* taxxabbli ta' kull tali individwu għas-sena li tiġi minnufih qabel is-sena ta' stima għandha tiġi iktar *rebated* b'ammont ta' tnejn u ħamsin lira.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 489 tat-12 ta' Marzu, 1991.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.